# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 19 /2024

**Data tal-laqgħa:** 6 t'Awwissu , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |
| Bernice Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 19.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

19.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 18

19.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 18 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill- kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Kien hemm komunikazzjoni mingħand il-Kumitat tat-Tismija tat-toroq għall-ġnien li jinsab ġewwa Triq Nerik Xerri , dawn riedu isem bħala t-tieni preferenza. Il-Kunsill iddeċieda li t-tieni preferenza tkun *'Ġnien Nerik Xerri'*.

19.3.2 Kien hemm komunikat li ħa jkun hemm għeluq ta' waħda mil-karreġġata ta' Triq L-industrija nhar id- 19 t' Awwissu ħabba d-Double Decker Buses. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw ir-residenti fuq il-paġna ta' FB.

19.3.3 Kommunikat ieħor wasal mir-Reġjun Punent fejn staqsew fuq data ta' ġbir ta' Żebbuġ minn ġewwa Ġnien Rousset, Triq San Pietru u Triq Danny Cremona. Il-membri qalbu li d-data ta' Ġbir ħa kun il- 15 ta' Settembru, 2025 fid- 9am.

19.3.4 Ġie Komunikat li ħa jkun hemm preżentazzjoni ta' Fondi u skemi li qed jingħataw mil- Gal Xlokk. Il-kunsillera urew ix-xewqa li jattendu u ħa jresqu xi ideat minn dawn l-iskemi fil-laqgħa li jmiss

19.3.5 kien hemm talba biex tiġi mikrija is-sala – għas 26 t'Ottubru għall-aveniment ta' Griżma u ma' dan kulħadd qabel.

19.3.6 Sar ukoll komunikat mil- AKL biex jassiguraw li l-Kunisll Lokali jkollu AED fir-raħal fejn ikun aċċessibbli għall-pubbliku. Il-membri qablu li din issir fejn il-Knisja.

19.3.7 Kien hemm komunikat li għal Novembru ħa jkun hemm żjara mid-dipartiment tal-Health and Safety biex jaraw is-siti biex jiġu ċċekkjati fuq livell ta' awditjar.

19.3.8 Wasal komunikat ukoll li s-sitema tal-ARMS li jitħalsu l-kontijiet fil-Kunisilli beda l-proċess u ħa jibdew jippeparaw għaliha. Il-Kunsill għandu biss joffri spazju.

19.3.9 Kien hemm komunikat mis-Sindku li hemm bżonn jitwaħħal xi Dog Bin ġewwa Triq L-imdina. Kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonjiet biex b'hekk ikun jista' jinxtara.

19.3.10 Komunikat ieħor li wasal għand il-Kunsill kien rigward it- Tactical Urbanism – slow streets, li tkun skema tajba ħabba d-diffikultajiet li qed ikun hemm fi Triq Santu Rokku. Bħalissa għadu fl-istajdu li tinġabar stima mil-Inġinier għat-twaħħil ta' kameras.

19.3.11 Komunikat ieħor li twassal mis-sindku kien fejn spejega li kienet qe dtinkisser il-liġi li l-kunisll ma jaċetax flus cash ħabba pagamenti. Dan ġie mwassal lll-

ħaddeima tal-Kunsill fejn issa qed jiġu aċċetati ħlas ta' pagamenti bi flus kontanti.

## 19.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

19.4.1 F'dan l-istadju ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

## 19.5 Mozzjoni Studju

19.5.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi resqet mozzjoni li kienet diġa preżentat fil-laqgħa preċedenti, fejn hija ddiskutiet li din diġa' għaddiet minn botsa Kunsilli. U li l-istudju propost huwa biex jara l-kapaċita' tar-raħal jew belt li jiġi studjat.

19.5.2 Ittiħed Vot: il-kunisllier Joseph Schembri, il-kunsilliera Ritienne Cruana, il-viċi Sindku Bernice Caruana u s-Sindku Matthew Agius Zammit kollha vvutaw kontra l-mozzjoni.

19.5.3. Il-membri ddiskutu mal-Kunsilliera Loranna Bonniċl li studju simili bħal dan qed jagħmlu r-Reġjun.

19.5.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana sostnit li hija qiegħda fil-kunsill tirrapreżenta lill-partit tagħha u ma tistax tivvota favur xi ħaġa li ħierġa mill-membri opposti, irrilevanti l-impatt li din tagħmel.

## 19.6 Attivita' tal-isports

19.6.1 Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Loranna Bonniċi imlew formola onlajn ta' interess.

19.6.2 Ħa ssir b'rabta ma' Kirkop United fejn ħa jkun hemm sport ta' inklużjoni bħal wheelchair basket ball, sitting volleyball u frame football.

19.6.3 Ħa tkun miftuħa għall-kulħadd u għal kull abilta'.

19.6.4 Żewġ postijiet li qed jiġu diskussi fejn isir huma: quddiem il-Kunsill jew ħdejn il-grawnd ta' Kirkop United.

19.6.5 Dati ssuġġeriti huma l-11 u 12 t' Ottubru jew l- 4 u l-5t' Ottubru

19.6.6 Għal din l-attivita' kien hemm qbil mil-membri kollha.

## 19.7 Sleeping Police St. Peter's

19.7.1. Riċenti saret sleeping Police fi triq San Pietru u bosta residenti qed jitolbu biex issir sleeping police oħra ftit il-fuq fi Triq San Pietru stess.

19.7.3 Fuq dan kien hemm qbil unanimu mil-membri kollha.

## 19.8 Parking Bases Triq L-Imdina

19.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wasl kominikat li parking bases m'hemmx fi Triq L-Imdina u hemm bżonn li jsiru .

19.8.2 Ġie ssuġġerit mil-membri tal-Kunsill li jisru kemm linji sħaħ kif ukoll parkeġġi tal-kaxxa.

19.8.3 Ħa jiġi mfittex iktar tagħrif fuq il-kontravenzjonjiiet u kif dwan jingħataw fuq il-parkeġġi biex b'hekk jiġi assigurat li l-parkeġġi jsiru kif suppost.

19.8.4 Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

## 19.9 Bankina Triq L-Industrija

19.9.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wasl li Hemm bankina li mhux magħmula ġewwa Triq L-Industrija.

19.9.2 Kien hemm qbil unanimu li din isir.

## 19.10 Stop Sign Triq San Ġużepp

19.10.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq sabiex fi Triq San Ġużepp(fejn jinsab il-ħanut ta' Nardu tal-ħaxix ) issir stop sign li preżenti m'hemmx.

19.10.2 Kien hemm qbil unanimu li din isir.

## 19.11 Bidla tad-data Attivita' Għeluq is-Sajf

19.12 L-14 ta' Settmebru kellha tinbidel ħabba attivitajiet oħra tal-għaqdiet.

19.13 Data tentativa ħa tkun is- 7 jew 8 ta Settembru, 2025.

## 19.12 Proġġett Pilota – Parking

19.12.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ippropona li jitħejja proġett pilota li permezz tiegħu parti mill-parking bays jiġu allokati bħala spazji residenzjali, li jistgħu jkunu wkoll marbuta ma' ħinijiet speċifiċi.

19.12.2 Kompla l-proposta billi dan semma li l-proġett pilota jiġi ppruvat f'żona waħda għal-bidu u għal żmien stipulat u wara jkun hemm evalwazzjoni ta' jekk irnexix jew le.

19.12.3 Ġie propsot ukoll mil-viċi sindku Benrice Caruana li l-parkeġġ jista' ssir bil-ħin

19.12.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit kompla jżid li l-ewwel irid jiġi studjat l-post kif ukoll it-triq ta' fejn għandu jsir il-proġġett pilota .

19.12.5 Wieħed mil-postijiet proposti kienu Kirkop 2 u li l-proġġett għandu jiġi ppruvat għal madwar 6 xhur.

19.12.6 Il-membri kollha bl-eċezzjoni tal-Kunsillier Joseph Schembri ma qabilx ma'dan il-proġġett pilota u r-raġuni kienet -il għaliex xi ħaġa hekk kienet diġà twettqet u ma kinitx suċċess.

19.12.7 Is-sindku spjega li proġett bħal dan qatt ma kien hemm iżda li kien hemm, kien li parkeġġi jinataw lir- residenti dirett.

19.12.8 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qablet mas-sindku fuq dan iżda ma qablitx li l-parking bays jkunu abinati mar-residenza iżda jkunu għar-residenti kollha.

## 19.13 Ħaddiema xogħol ma' Ħal Safi

19.13.1 Il-Kunsillier Jospeh Schembri rrimarka li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu diġà marru iktar minn 4 darbiet u l-ftehim kien għal xahar biss.

19.13.2 Ġie kkonfermat mis-Sindku Matthew Agius Zammit li l-ħaddiema ta' Ħal Safi ħa jagħmlu x-xogħolijiet f'nofs Settembru.

19.13.3 Ġie ssuġġerit ukoll mil-kunsiller Joseph Schembri biex isir rendikont ta' kemm inħella diesel meta twettaq dan ix-xogħol bil-kolaborazzjoni ma' Ħal Safi u fuq dan kien hemm qbil unanimu mil-membri kollha tal-Kunsill.

19.13.4 Ġie rrimarkat ukoll mil-Kunsillier Joseph Schembri li qabel il-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu xogħol ta' rħula oħra importanti li l-ewwel jitwettaq ix-xogħol li għandu x'jaqsam ma' Ħal Kirkop.

19.13.5 Is-sindku irrimarka li għalkemm ħaddiem wieħed qed imur lejn Ħal safi, ix xogħol baqa jsir b'ritmu tajjeb.

## 19.14 Proposta Ġnien Rousset

19.14.1 Il-Kunsill irċieva komunikat li l-ġnien mhux ħa jibqa' kif inhu propost imma ħa jikber u ħa jonqsu 9 parkeġġi.

19.14.2 La l-proġett mhux ħa jibqa' kif kien ippjanat, il-kunsill ikollu jmur għal-konsultazzjoni pubblika.

19.14.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit kif ukoll il-kunsillier Joseph Schembri ħa jagħmlu laqgħa mal-ministeru kkonċernat.

19.14.4 Il-membri kollha qablu li l-parkeġġ huwa iktar ta' prijorità milli l-kobor tal-ġnien.

## 19.15 Financial Indicator 2nd Quarter

19.15.1 F'dan ir-rigward saret laqgħa onlajn mal-accountant ikkonċernata u spjegatilna fid-detall ir-rapport finanzjarju.

19.15.2 Is-ŻSegretraju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunisll l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni kwart tas- Sena 2025. Dan ir-rapport ġie diskuss mil-Kunsilliera preżenti.

19.15.3 Saru xi ċaqliq fir-rigward ta' expenses u dan fuq qbil mil-membri kollha.

19.15.4 Għaldaqstant, is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni biex l-istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2025 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet isskeondata mill-Kunsillier joseġh Schembri, bi qbil unanimu il-kunsilliera kollha preċenti

## 19.16 Rapport tal-ilmenti

19.16.1 Inġibdet l-attenzzjoni mil-kunsillier Joseph Schembri li għall- Bulky Refuse qed imorru ħaddiema mil-Kunsill meta dan mhux suppost jitwettaq.

19.16.2 Il-Kunsillier Joseph Schembri staqsa wkoll kemm qed tintnefaq żebgħa fuq road markings li ma jkunux ta' kwalità u wara ftit qed jerġgħu jsiru.

19.16.3 Il-Kunsillier Jospeh Schembri ġibed l-attenzjoni fuq is-salvagwardja tal-ħaddiema kollha u li jekk xi ħadd iweġġa' fuq xogħol li mhux suppost jagħmel

dan, x'jiġri f'dan ir-rigward. Fuq dan ħa tiġi ċċekjata il-polza t'assigurazzjoni u din x'tinkludi.

19.16.4 Il-Kunsillier Loranna Bonniċi ssuġġerit li peress fi Triq San Benedittu hemm kaxxa tal-parkeġġ blu li mhux tintuża din għandha tinżel iktar lejn il-kunsill.

19.16.4.1 Ma' dan il-membri qablu b'mod unanimu u għalhekk ħa ssir appikazzjoni għaliha. Ġie ssuġġerit li ssir quddiem il-kunsill , wara l-parkeġġ tal-mutur.

19.16.5 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana pproponit li meta s-Sindku imur idur id-djar jiġbor il-firem ħabba l-permess biex jgħaddu l-wajers minn taħt it-Triq San Ġuzepp dan għandu jinfurmhom bid-dati u l-ħin ħalli l-membri jmorru jduru miegħu.

19.16.6 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana waslet lment li l-kennies għandu jkun iktar preżenti fi Triq Danny Cremona u Triq San Nikola għax qed ikun hemm wisq ħmieġ.

19.16.7 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana waslet lment li fi Triq Valleta hemm ħafna muturi tal-kiri li qed jipparkjaw, għalhekk ġie ssuġġerit li ssir motor cycle bay. Ġew ssuġġerit żewġ postijiet: fejn l-iskip Triq ir-Ramlija jew fi Triq il-Fieres u ma' dan il-membri qablu kollha.

19.16.8 Wasal ilment lis-Sindku Matthew Agius Zammit għaliex hemm nuqqas ta' dawl kemm fi Triq San Pietru kif ukoll Triq ir-Ramlija.

19.6.8.1 Iżda hemm differenza -il għaliex Triq San Pietru hemm nuqqas ta dawl fejn trid issir applikazzjoni għal-bozza ġdida. Waqt li Sqaq ir-Ramlija talabha individwu u ħa jiġi mgħejun mil-kunsill biex jagħmel l-applikazzjoni iżda jħallasha huwa.

19.6.8.2 It-tabella inti u dieħel lejn ħal kikrop min-naħa tal- multigas mhux tidher, ħa tiġi mfittxija kumpanija biex din tinbidel.

19.6.9 Il-Kunsilliera Loranna Schembri staqsiet fhiex waslet l-applikazzjoni għat-tneħħija tal-ħammiem u s-Sindku rrisponda li qed nistennew d-deroga tgħaddi u l-kunsill qed jistenna risposta.

## 19.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

19.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 164 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

19.12.2 Il-Kunsilllera Loranna Bonniċi resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 164 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 19.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.18.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

19.18.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 2 ta'Settembru, 2025 fil-17:00hrs

19.18.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20.00.

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
*parva non iners*
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243

**Matthew Agius Zammit**
*Sindku*

**Mozzjoni Ref:** 51 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 164 tiġi approvata.

**Proponent**
Loranna Bonniċi

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 6 t'Awwissu , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 53 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex l-istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni kwart tas-sena 2025 jiġu aprovati

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Joseph Schembri |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 6 t'Awwissu , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 52 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 18

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Ritienne Caruana |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 6 t'Awwissu , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**